# THE GOZO BUSINESS CHAMBER

The Brokerage, Level 4A, St Marta Street, Victoria VCT 2551, Gozo, Malta
Tel: (+365) 21550305
E-mail : info@gozobusinesschamber.org
Website : www.gozobusinesschamber.org

===============

**Data**: 03/12/2019

## Stqarrija: Reazzjonijiet tal-Kamra tan-Negozju għall-Għawdex fuq is-Sitwazzjoni Preżenti fil-Pajjiż

Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex segwiet b'attenzjoni kbira f'dawn l-aħħar jiem l-iżviluppi fix-xena politika u soċjali tal-pajjiż, sussegwentement għall-iżviluppi li kien hemm fl-investigazzjonijiet dwar il-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Il-Kamra ma tistax ma tinnotax it-tensjoni li tinħass fuq kull livell tas-soċjeta, u l-impatt negattiv fuq livell internazzjonali. Il-Kamra temmen li l-istabilita politika u soċjali huma elementi essenzjali, u l-pedamenti li fuqhom nbnew s-suċċessi ekonomiċi u soċjali ta' pajjiżna matul iż-żmien.

Il-Kamra għalhekk tisħaq li l-ikbar transparenza għandha tkun imħaddma fuq kull livell, biex il-kriżi li preżentament qed jaffaċċja l-pajjiż tiġi megħluba mill aktar fis possibbli. Istituzzjonijiet sodi u kredibbli huma elementi insostitwibbli li mingħajrhom soċjeta' ma tistax tiffunzjona. Għalhekk, filwaqt li tikkundanna b'mod kategoriku kull aġir kriminali, għandu jkun hemm ħidma sħiħa minn kull naħa biex l-istituzzjonijiet f'Malta jaħdmu b'mod integru u trasparenti, b' tali mod li Malta terġa' takkwista stabilita soċjali u politika li huma neċessarji biex inkomplu nħarsu 'l quddiem.

Incorporated by Public Deed on 20th December 1999

Member of the Network of Insular Chambers of Commerce and Industry of the EU (Insuleur)
Member of the Observatory on Tourism for Islands Economy (OTIE)

BOV
Bank of Valletta

===============

**Date**: 03/12/19

# Press Release: Reactions by the Gozo Business Chamber to the Present Situation in the Country

The Gozo Business Chamber has been following with great attention the social and political developments in the country over the past few days, triggered by the recent breakthroughs into the investigation of the murder of journalist Daphne Caruana Galizia. The Chamber cannot help but notice the tension being felt at each level of society, and the negative impact at international level. The Chamber believes that political and social stability are essential elements, and the foundation upon which Malta's successes were built at all times.

The Chamber therefore stresses the need for the utmost transparency at all echelons so that the crisis facing the country can be overcome without any further delay. Sound and credible institutions are irreplaceable elements without which society cannot function. So, while categorically condemning any criminal act, there needs to be full cooperation so that the institutions in Malta work with integrity and transparency, in a way that Malta can regain social and political stability which are necessary for the country to continue to move forward.